Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,718, 15 ta' Settembru, 2026
Taqsima B

A.L. 245 tal-2026

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u jkun Ikkunsinnat L-Iskart minn Bastimenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u jkun Ikkunsinnat l-Iskart minn Bastimenti u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali Fejn Jintlaqa' u jkun Ikkunsinnat l-Iskart minn Bastimenti, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 499.71.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Dawn ir-regolamenti għandhom:

(a) jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE; u

(b) jimplimentaw ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/1239 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi sistema ta' Single Window Marittima Ewropea u li jħassar id-Direttiva 2010/65/UE.".